31981D0109

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta Frar 1981
li temenda d-Deċiżjoni 80/755/KEE li tawtorizza l-istampar li ma jitħassarx ta' informazzjoni preskritta fuq pakketti ta' żerriegħa taċ-ċereali

(81/109/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' żerriegħa taċ-ċereali [1], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 79/692/KEE [2], u b'mod partikolari bl-aħħar sentenza ta' Artikolu 10(1)(a) tagħha,

Billi ż-żerriegħa taċ-ċereali ma tistax normalment titqiegħed fis-suq sakemm il-pakketti ma jkunux immarkati b'tikketta uffiċjali skond id-dispożizzjonijiet preskritti fid-Direttiva 66/402/KEE;

Billi, skond dawk id-dispożizzjonijiet, jista' jkun awtorizzat l-istampar li ma jitħassarx ta' l-informazzjoni preskritta fuq l-istess pakkett, fuq il-bażi tal-mudell stipulat għat-tikketta;

Billi din l-awtorizzazzjoni għandha tingħata, taħt ċerti kondizzjonijiet li jiżguraw li r- responsabbiltà hija ta' l-awtorità li tiċċertifika;

Billi l-Kummissjoni diġà tat awtorizzazzjoni bħal din skond id-Deċiżjoni 80/755/KEE [3];

Billi, waqt li d-Deċiżjoni hawn fuq imsemmija kienet qed tiġi applikata, deher ċar li din għandha tiġi emendata fir-rigward ta' l-informazzjoni preskritta li trid tiġi stampata jew ittimbrata fuq pakketti meta jittieħdu kampjuni;

Billi l-miżuri preskritti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Artikolu 1(2)(ċ) tad-Deċiżjoni 80/755/KEE huwa b'dan emendat kif ġej:

— "Anness IV, (A) (a) (3.3a) u (6)" huwa sostitwit b "Anness IV, (A) (a) (3) u (3a)",

— fit- test Ġermaniż "nicht vor" hija sostitwita b "bei".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Frar 1981.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU Ċ 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
(2) ĠU L 205, tat-13.8.1979, p. 1.
(3) ĠU L 207, tad-9.8.1980, p. 37.